MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2013

Numru. 1134/2013

**Il-Pulizija**
**L-Ufficcjal Principali ta' l-Imigrazzjoni**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Ibrahim Abdalla Sudi**
**Samir Hgazi**

**Illum 16 ta' Novembru, 2013.**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra:

**Ibrahim Abdalla Sudi,** ta' 29 sena, iben Abdalla u Rasmija, imwieled Damaskus, Sirja fl-20 ta' Dicembru, 1986 and jirrisjedi gewwa 'Hal-Far Tent Village', detentur tan-numru tal-Pulizija 13V-129;

**Samir Hgazi**, ta` 29 sena, iben Isa u Fahmija, imwieled Damaskus, Sirja fit-8 ta` Marzu, 1986 u residenti gewwa 'Hal-Far Tent Village', detentur tan-numru tal-Pulizija 13V-133;

Huma akkuzati talli fis-16 ta' Novembru, 2013 u fil-jiem ta' qabel f' dawn il-gzejjer u fi bnadi ohra iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f' dokumenti Spanjoli jew kellhom fil-pussess taghhom xi dokumenti Spanjoli li huma kienu jafu li gew ffalsifikati, imbiddlin jew sar xi tibdil fihom u cioe kellhom fil-pussess taghhom karti ta' l-identita Spanjoli bin-numri 513789970-P & 513789979-P (Kap. 61, Art. 5 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzati wkoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap. 9, Art. 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzati wkoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifikaw xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Imigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32 (1d) tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat il-Ligi, partikolarment Art. 5 tal-Kap 61, Art. 189 tal-Kap 9, l-Art 32 (1) (d) tal-Kap 217;

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzati;

Fehmet ic-cirkostanzi partikolari ta' l-akkuzati, specjalment il-fatt li huma harbu minn pajjiz mifni bi gwerra u waslu Malta wara li qasmu bil-bahar u d-daghjsa taghhom gherqet bir-rizultat li mietu hafna nies izda l-akkuzati kienu ffortunati li salvaw;

Tosserva illi l-akkuzat stqarrew li huma tilfu d-dokumenti kollha taghhom meta gherqet id-daghjsa u gew in pussess tal-passaporti foloz mertu ta' l-akkuzi odjerni u huma allegaw li ma kienux jafu li kien foloz.

Il-Qorti, tinnota li ghalkemm l-akkuzat ghaddew minn trawma kbira, dana ma jippermettilhomx illi jiksru l-Ligijiet u l-fatt li allegatament ma kienux jafu li l-passaporti kienu foloz ma hija certament ebda skuza a favur taghhom aktar w aktar meta mbaghad uzaw it-tali passaporti biex jitilqu l-barra minn Malta.

Il-Qorti ghalhekk qieghdha ssib lill-akkuzati hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u a tenur tal-ligijiet fuq imsemmija, partikolarment l-Art 5 tal-Kap 61, qieghdha tikkundannahom piena karcerarja ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------